PARLAMENT EWROPEW 2009 - 2014

*Dokument ta' sessjoni*

**A7-0236/2010**

9.8.2010

# RAPPORT

dwar il-finanzjament u l-funzjonament tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni
(2010/2072(INI))

Kumitat għall-Baġits

Rapporteur: Miguel Portas

Rapporteur għal opinjoni (*):
Elisabeth Morin-Chartier, Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali
(*) Kumitati assoċjati: l-Artikolu 50 tar-Regoli ta' Proċedura

PR_INI

## WERREJ

**Paġna**

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW**Error! Bookmark not defined.**

NOTA SPJEGATTIVA ..........................................................**Error! Bookmark not defined.**

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARJIET SOĊJALI(*)**Error! Bookmark not defined.**

OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET EKONOMIĊI U MONETARJI**Error! Bookmark not defined.**

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT....**Error! Bookmark not defined.**

(*) Kumitati assoċjati: l-Artikolu 50 tar-Regoli ta' Proċedura

## MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

**dwar il-finanzjament u l-funzjonament tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (2010/2072(INI))**

*Il-Parlament Ewropew,*

– wara li kkunsidra l-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba[1] (l-FII tas-17 ta’ Mejju 2006), u b'mod partikulari l-punt 28 tiegħu,

– wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni[2] (ir-Regolament FEAG),

– wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 546/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta’ Ġunju 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1927/2006 dwar l-istabbiliment tal-Fond Ewropew ta’ Aġġustament għall-Globalizzazzjoni[3],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjonijiet tiegħu dwar il-proposti għal deċiżjoni tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar il-mobilizzazzjoni tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, b'konformità mal-punt 28 tal-Ftehim Interistituzzjonali tas-17 ta' Mejju 2006 bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar id-dixxiplina baġitarja u l-amministrazzjoni finanzjarja tajba, adottati mit-23 ta’ Ottubru 2007 sal-lum[4],

– wara li kkunsidra l-Komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill tat-2 ta’ Lulju 2008(COM(2008)0421) u tat-28 ta’ Lulju 2009(COM(2009)0394) dwar l-attivitajiet tal-Fond Ewropew ta’ Aġġustament għall-Globalizzazzjoni fl-2007 u l-2008,

– wara li kkunsidra l-Artikolu 48 u l-Artikolu 119(2) tar-Regoli ta’ Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Baġits u l-opinjonijiet tal-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali u tal-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji (A7-0236/2010),

A. billi, sabiex jittaffew il-konsegwenzi negattivi tal-globalizzazzjoni għall-ħaddiema vittmi

[1] ĠU C 139, 14.6.2006, p. 1.
[2] ĠU L 406, 30.12.2006, p. 1.
[3] ĠU L 167, 29.6.2009, p. 26.
[4] Testi adottati ta’ dawn id-dati: 25.3.2010 (P7_TA-PROV(2010)0071 u P7_TA-PROV(2010)0070), 9.3.2010 (P7_TA-PROV(2010)0044, P7_TA-PROV(2010)0043 u P7_TA-PROV(2010)0042), 16.12.2009 (P7_TA-PROV(2009)0107), 25.11.2009 (P7_TA-PROV(2009)0087), 20.10.2009 (P7_TA(2009)0049), 15.09.2009 (P7_TA(2009)0009), 5.5.2009 (P6_TA(2009)0339), 18.11.2008 (ĠU C 16E, 22.1.2010, p.84), 21.10.2008 (ĠU C 15E, 21.1.2010, p.117), 10.4.2008 (ĠU C 247E, 15.10.2009, p.75), 12.12.2007 (ĠU C 323E, 18.12.2008, p.260) u 23.10.2007 (ĠU C 263E, 16.10.2008,p.155)

ta' tkeċċijiet kollettivi u sabiex turi s-solidarjetà tagħha ma' dawn il-ħaddiema, l-Unjoni Ewropea ħolqot Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (minn hawn 'il quddiem "FEAG") biex jingħata appoġġ finanzjarju għall-programmi personalizzati għall-inseriment mill-ġdid fid-dinja tax-xogħol; billi l-FEAG għandu għad-dispożizzjoni tiegħu ammont massimu ta' EUR 500 miljun kull sena, li jiġu kemm mill-marġini eżistenti taħt il-limitu massimu globali tal-ispejjeż tas-sena ta' qabel u kemm mill-approprjazzjonijiet ta' impenn imħassrin waqt iż-żewġ snin finanzjarji ta' qabel, bl-eċċezzjoni ta' dawk relatati mal-Intestatura 1b tal-Qafas Finanzjarju; u billi l-FEAG jiġi mobilizzat każ b'każ sal-limitu deċiż mill-awtorità baġitarja fuq rakkomandazzjoni tal-Kummissjoni,

B. billi, bil-għan li tirreaġixxi għaż-żieda fil-qgħad li rriżultat mill-kriżi ekonomika u finanzjarja u biex jinsiltu tagħlimiet mill-esperjenza miksuba fl-2007 u fl-2008, l-Unjoni Ewropea emendat ir-regoli dwar l-użu tal-FEAG f'Ġunju 2000; u billi din l-emenda wasslet biex twessa', b'mod temporanju, il-kamp ta' applikazzjoni tal-FEAG, biex ġew illaxkati u ppreċiżati l-kriterji ta' intervent tiegħu, biex żdiedu, b'mod temporanju, r-rati tiegħu ta' kofinanzjament u biex ittawwal il-perjodu għall-Istati Membri biex jużaw il-kontribuzzjoni finanzjarja tiegħu,

C. billi l-valutazzjoni tal-approprjazzjonijiet mobilizzati taħt il-FEAG bejn l-2007 u l-aħħar tal-ewwel semestru tal-2009 kixfet xi nuqqasijiet fir-regolament inizjali, peress li, fuq EUR 1.5 biljun li fit-teorija kienu disponibbli, ġew mobilizzati biss EUR 80 miljun, għal 18-il talba, għall-benefiċċju ta' 24 431 ħaddiem, u ta' 8 Stati Membri; u billi dawn in-nuqqasijiet jidhru wkoll fl-inugwaljanza enormi nnotata bejn il-livell tal-ammonti inizjalment allokati u dawk finalment użati, peress li, fl-ewwel 11-il każ, ġew rimborżati *a posteriori* EUR 24.8 miljun, jiġifieri 39.4 % tal-ammonti mobilizzati[1],

D. billi, allavolja għadu mhux possibbli li jiġi evalwat il-funzjonament tal-FEAG fir-rigward tar-regolament rivedut, peress li t-talbiet imressqa minn Mejju 2009 qegħdin jistennew deċiżjoni jew qegħdin fil-proċess li jitwettqu, diġà wieħed jista' jinnota aċċelerazzjoni netta fir-rikors li qed isir għall-FEAG, li tikkonferma r-relevanza tal-emendi introdotti; billi wkoll, bejn Mejju 2009 u April 2010, in-numru ta' talbiet imressqa tela' minn 18 għal 42, il-kontribuzzjonijiet mitluba telgħu minn EUR 80 miljun għal EUR 197 miljun, in-numru ta' Stati applikanti tela' minn 8 għal 17, in-numru ta' ħaddiema li għandhom bżonn l-għajnuna kważi rdoppja (36 712-il ħaddiem supplimentari), u s-setturi ekonomiċi kkonċernati ġew ddiversifikati ħafna,

E. billi madankollu 10 Stati Membri għadhom ma rrikorrewx għall-FEAG; billi l-ammonti mobilizzati għadhom ferm anqas mill-ammonti disponibbli u billi l-maġġoranza tat-talbiet jikkonċernaw reġjuni li għandhom PDG għal kull abitant ogħla mill-medja tal-Unjoni Ewropea u li r-rata ta' qgħad tagħhom għadha moderata; u billi, minn dan jista' jiġi konkluż li, anke jekk it-titjib li sar għar-regolament inizjali kien sinifikanti, dan għadu wieħed modest meta mqabbel maż-żieda fin-numru ta' tkeċċijiet kollettivi osservata f'dawn l-aħħar snin,

F. billi ż-żieda tal-limitu minimu ta' kofinanzjament minn 50% sa 65%, fl-okkażjoni tar-

[1] *Data* disponibbli sat-30 ta' April 2010.

reviżjoni ta' Ġunju 2009 hi wieħed mill-fatturi li jispjegaw iż-żieda fin-numru ta' talbiet li jikkonċernaw ir-reġjuni li jaqgħu taħt l-objettiv Kompetittività; billi, madankollu, din il-bidla ma effett multiplikatur simili fir-reġjuni li jaqgħu taħt l-objettiv Konverġenza;

G. billi l-użu dgħajjef ħafna tal-FEAĠ fir-reġjuni l-aktar fqar tal-UE hu marbut kemm ma' strateġiji nazzjonali ddivrenzjati konnessi mar-rati ta' kofinanzjament disponibbli skont l-FSE u l-FEAG, kemm ma' diffikultajiet involuti biex isir progress fil-konkretizzazzjoni tal-kandidaturi ta' benefiċjarji potenzjali qabel ma tittieħed deċiżjoni f'livell Ewropew,

H. billi, minkejja d-dikjarazzjoni konġunta tal-Parlament Ewropew, tal-Kunsill u tal-Kummissjoni tas-17 ta' Lulju 2008 li talbet appoġġ finanzjarju mill-FEAG l-iktar rapidu u effikaċi possibbli, it-tul tal-proċedura bejn il-mument tat-tkeċċija kollettiva u d-data tal-intervent tal-FEAG b'appoġġ għall-Istat Membru applikanti għadu ta' madwar 12 sa 17-il xahar; u billi dan it-tul ta' żmien jispjega parzjalment id-differenza bejn in-numru ta' ħaddiema li għalihom hu mitlub l-intervent tal-FEAG u n-numru ta' ħaddiema megħjuna,

I. billi l-abbozz ta' Ftehim Interistituzzjonali bejn il-Parlament Ewropew, il-Kunsill u l-Kummissjoni dwar il-kooperazzjoni fil-qasam baġitarju[1] jemenda biss marġinalment il-proċedura ta' mobilizzazzjoni tal-FEAG peress li jagħmel il-proċedura ta' trilogu waħda fakultattiva, b'mod konformi mal-prattika; u billi din l-emenda mhijiex se tirranġa l-fatt li l-proċedura hi tqila u tieħu ħafna żmien,

J. billi, skont ir-rapport ta' valutazzjoni tal-funzjonament f'nofs it-terminu tal-FII[2] tal-Kummissjoni, il-ħtieġa li tittieħed deċiżjoni speċifika miż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja biex jiġi mobilizzat il-FEAG hi wieħed mill-fatturi għalfejn il-proċedura tieħu ħafna żmien,

K. billi s-27 deċiżjoni li ttieħdu bejn l-2007 u April 2010 kollha kienu pożittivi u konformi, fl-ammonti tagħhom, mal-proposti tal-Kummissjoni, allavolja l-Parlament Ewropew wera d-dubji tiegħu dwar ir-relevanza tagħhom[3],

L. billi, apparti d-dimensjoni temporanja marbuta mal-kriżi ekonomika u finanzjarja attwali, id-diffikultajiet li qed jaffrontaw is-swieq tax-xogħol tal-biċċa l-kbira tal-Istati Membri għandhom natura strutturali li l-pjanijiet ta' rkupru Ewropej u nazzjonali qed jindirizzaw biss parzjalment; filwaqt li jinnota, konsegwentemtn, li t-tendenza għaż-żieda fin-numru ta' talbiet ta' rikors għall-FEAG għandha karattru sostenibbli,

1. Iqis li l-valur miżjud tal-FEAG, bħala strument tal-politika soċjali tal-Unjoni Ewropea, qiegħed fin-natura speċifika u puntwali tal-appoġġ finanzjarju li jipprovdi lil programmi personalizzati ta' kwalifika mill-ġdid u ta' inseriment mill-ġdid fid-dinja tax-xogħol għall-ħaddiema vittmi ta' tkeċċijiet kollettivi fis-setturi jew fir-reġjuni li qed ibatu minn taqlib ekonomiku u soċjali gravi;

2. Jikkunsidra li ż-żieda stabbli tan-numru tat-talbiet għal intervent tal-FEAG u d-

[1] COM(2010)0073 tat-3 ta' Marzu 2010.
[2] COM(2010)0185 tas-27 ta' April 2010.
[3] Cf. EGF/2009/008 - DELL.

diffikultajiet biex tiġi applikata l-proċedura tiegħu ta' mobilizzazzjoni u ta' implimentazzjoni jirrikjedu modifiki rapidi tad-dispożizzjonijiet proċedurali u baġitarji tiegħu; jitlob għaldaqstant lill-Kummissjoni biex tantiċipa l-preżentazzjoni tal-valutazzjoni tagħha ta' nofs it-terminu għat-30 ta' Ġunju 2011 u biex tehmeż magħha proposta għal reviżjoni tar-Regolament dwar il-FEAG, sabiex jiġu indirizzati n-nuqqasijiet l-iktar evidenti tal-Fond qabel it-tmiem tal-perspettivi finanzjarji attwali;

3. Jistieden lill-Kummissjoni tevalwa l-kontribuzzjonijiet mogħtija, b'mod partikolari fir-rigward tal-aspetti li ġejjin: l-inseriment mill-ġdid tal-benefiċjarji fid-dinja tax-xogħol; id-differenza nnotata bejn in-numru ta' kandidati li għandhom bżonn l-għajnuna u n-numru ta' ħaddiema li effettivament ġew megħjuna; id-differenzi eżistenti f'termini ta' sforz finanzjarju għal kull ħaddiem skont l-Istati Membri u l-ġustifikazzjoni ta' dawn id-differenzi; ir-rispett tal-obbligu tan-nondiskriminazzjoni skont is-sitwazzjonijiet kuntrattwali tal-ħaddiema mkeċċija ir-rispett tal-kriterji ta' komplementarjetà, ta' konformità u ta' koordinament, , , il-proċeduri ta' kontroll tal-użu tal-kontribuzzjonijiet u tar-rimborżi mitluba lill-Istati Membri; jistieden lill-Kummissjoni tirrifletti r-riżultati ta' din il-valutazzjoni fil-proposta tagħha għal reviżjoni tar-regolament;

4. Iqis li r-reviżjoni tar-regolament għandu jkollha bħala għan ewlieni s-simplifikazzjoni tal-proċedura ta' mobilizzazzjoni tal-FEAG, sabiex it-tul ta' żmien li tieħu jitnaqqas bin-nofs, u li diversi miżuri li ma jirrikjedux ir-reviżjoni tar-regolament jistgħu jnaqqsu immedjatament dan it-tul ta' żmien;

5. Jikkunsidra f'dan ir-rigward li t-talbiet għal mobilizzazzjoni tal-FEAG għandhom jitħejjew mill-Istati Membri minn meta titħabbar l-intenzjoni ta' tkeċċija kollettiva u mhux wara li tiġi kkonkretizzata, bil-għan li jitnaqqas iż-żmien ta' 10 ġimgħat li għandhom għad-dispożizzjoni tagħhom biex jittrażmettu t-talba tagħhom ladarba jkunu ssodisfati l-kriterji għal intervent, li l-Istati Membri għandhom jittrażmettu t-talba tagħhom fil-lingwa proprja tagħhom u f'lingwa ta' ħidma tal-istituzzjonijiet Ewropej, sabiex is-servizz responsabbli għall-evalwazzjoni tat-talba fi ħdan il-Kummissjoni jkun jista' jipproċedi bla dewmien, li l-Kummissjoni għandha ssaħħaħ ir-riżorsi umani allokati għall-eżami tat-talbiet imressqa mill-Istati Membri, u li trid tirrispetta b'mod strett l-iskadenza ta' 15-il ġurnata bejn meta tiġi adottata deċiżjoni ta' mobilizzazzjoni u meta tinħareġ il-kontribuzzjoni finanzjarja lill-Istat Membru;

6. Jimpenja ruħu biex min-naħa tiegħu jissimplifika l-proċess deċiżjonali tiegħu, billi jipprevedi li għall-proposti tal-Kummissjoni ppreżentati qabel tmiem ix-xahar, u jekk ma jkunx hemm oġġezzjonijiet mill-Kumitat għall-Baġits jew mill-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali, tittieħed deċiżjoni waqt is-sessjoni plenarja ta' wara, jekk ikun hemm bżonn miġburin flimkien, kif previst espliċitament mir-Regolament li jistabbilixxi l-FEAG;

7. Jikkunsidra li dawn il-miżuri immedjati biex il-proċedura ta' mobilizzazzjoni tal-FEAG tiġi ssimplifikata u llaxkata jistgħu jiġu introdotti fir-regolament waqt li jkun qed jiġi rivedut, sakemm l-esperjenza miksuba sa dik id-data tiġġustifikahom;

8. Iqis li, apparti t-titjib tal-proċedura, hemm bżonn li d-deroga introdotta f'Ġunju 2009 biex

jiġu megħjuna l-ħaddiema li jitilfu xogħolhom minħabba l-kriżi ekonomika u finanzjarja tiġi estiża sa tmiem il-qafas finanzjarju multiannwali attwali, kif ukoll li r-rata ta' kofinanzjament titla' minn 50% għal 65%, peress li l-kawżi li ġġustifikaw l-approvazzjoni tagħha għad fadlilhom biex jgħejbu, u jqis ukoll li hemm bżonn li tiġi applikata rata ta' kofinanzjament tal-FEAG ta' 75% għar-reġjuni li jaqgħu taħt l-objettiv Konverġenza tal-FSE sabiex titrażżan it-tendenza eżistenti favur l-FSE;

9. Jixtieq li, mill-perspettivi finanzjarji li jmiss, il-FEAG jitqies bħala fond permanenti, dotat minn approprjazzjonijiet kemm għall-impenji u kemm għall-ħlasijiet, minflok ma jkollu jiddependi minn approprjazzjonijiet li jew ma jkunux intużaw jew li kienu sottoutilizzati minn snin finanzjarji preċedenti;

10. Jenfasizza li t-trasformazzjoni tal-FEAG fi strument permanenti ta' appoġġ għal miżuri attivi għat-tiftix ta' impjiegi tindika rieda politika li jinbena pilastru soċjali Ewropew li jikkumplementa l-politiki soċjali tal-Istati Membri u li jkun kapaċi jġedded l-approċċ Ewropew fil-qasam tat-taħriġ professjonali; f'dan il-kuntest, l-indipendenza tal-FEAG fir-rigward tal-FSE u tal-programmi Ewropej ta' taħriġ tul il-ħajja għandha tinżamm, peress li l-FEAG hu ffukat fuq it-tisħiħ tal-kapaċitajiet ta' kull ħaddiem megħjun u mhux fuq ir-rispons għat-tħassib tal-intrapriżi jew il-forniment ta' servizzi orizzontali lis-stabbilimenti tat-taħriġ;

11. Jitlob lill-Kummissjoni biex tagħti rendikont aħjar tal-utilizzazzjoni tal-FEAG billi tagħti aktar sustanza lill-komunikazzjonijiet annwali tagħha u biex tittrażmetti regolarment lill-Parlament Ewropew tagħrif dwar l-użu tal-kontribuzzjonijiet finanzjarji tal-Istati Membri; jitlob barra minn hekk li, fil-każ li l-proċedura deċiżjonali tiġi ddelegata lill-Kummissjoni, fil-qafas tal-perspettivi finanzjarji li jmiss, ir-rapport annwali tagħha dwar l-implimentazzjoni tal-FEAG isir wieħed semestrali;

12. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex jgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

## NOTA SPJEGATTIVA

Dan ir-rapport ta' inizjattiva jasal wara li l-FEAG ilu jintuża għal aktar minn tliet snin, taħt ir-Regolament tal-20 ta' Diċembru 2006[1], li ġie emendat sostanzjalment mir-Regolament tat-18 ta' Ġunju 2009[2]. Ir-rapport, fuq il-bażi tal-esperjenza miksuba waqt dan il-perjodu u tal-opinjonijiet tal-esperti nazzjonali li nstemgħu nhar it-28 ta' April 2009, jagħmel valutazzjoni tal-finanzjament u tal-funzjonament tal-fond, qabel u wara r-reviżjoni tal-bażi legali tiegħu. Waqt li jinnota ż-żieda strutturali fil-qgħad u t-tkattir tal-każi ta' tkeċċijiet kollettivi fl-Unjoni Ewropea, jirrakkomanda li, mill-perspettivi finanzjarji li jmiss, il-fond jiġi ttrasformat fi strument perenni ta' solidarjetà għall-ħaddiema vittmi ta' tkeċċijiet kollettivi. ,Qed jipproponi li, fuq żmien iqsar, isiru emendi inqas estensivi biex jitranġaw in-nuqqasijiet l-aktar evidenti tiegħu. Uħud minn dawn il-proposti ta' emenda jistgħu jiġu applikati immedjatament. Oħrajn għandhom isiru f'reviżjoni tar-Regolament dwar il-FEAG, wara l-valutazzjoni ta' nofs it-terminu tiegħu. Għaldaqstant, il-Kummissjoni qed tintalab tanticipa d-data ta' din il-valutazzjoni għall-31 ta' Lulju 2011.

L-approċċ spjegat hawn fuq hu bbażat fuq analiżi dettaljata tal-kundizzjonijiet legali tal-mobilizzazzjoni tal-FEAG **(1)** u tal-mobilizzazzjoni effettiva tiegħu bejn l-2007 u April 2010 **(2)**.

### I. KUNDIZZJONIJIET TA' MOBILIZZAZZJONI TAL-FEAG

- **Kundizzjonijiet sustantivi**

Peress li, inizjalment il-FEAG kellu l-għan waħdieni li jtaffi l-konsegwenzi negattivi tal-globalizzazzjoni għall-ħaddiema l-aktar vulnerabbli u l-anqas kwalifikati ta' ċerti setturi, li jkunu tilfu xogħolhom minħabba l-modifiki kbar tal-kummerċ dinji li wasslu għal taqlib ekonomiku gravi. Minn Ġunju 2009, l-ambitu ta' intervent tiegħu ġie estiż għall-ħaddiema li jitilfu xogħolhom direttament minħabba l-kriżi ekonomika u finanzjarja, għat-talbiet preżentati bejn l-1 ta' Mejju 2009 u l-31 ta' Diċembru 2011.

*Hemm bżonn li l-għan tal-FEAG jiġi rivedut meta wieħed iqis iż-żieda strutturali fil-qgħad u t-tkattir tal-każi tat-tkeċċijiet kollettivi fl-Unjoni Ewropea? Id-deroga introdotta f'Ġunju 2009 hi biżżejjed biex tiġi affrontata l-kriżi?*

<u>L-Istati Membri jistgħu jitolbu kontribuzzjoni mill-FEAG sakemm jiġi ssodisfat wieħed minn dawn it-tliet kriterji għal intervent</u>:

– it-tkeċċija ta' tal-anqas 500 impjegat (1 000 qabel l-2009) minn intrapriża ta' Stat Membru fuq perjodu ta' 4 xhur, waqt li n-numru ta' impjegati kkonċernati jista' jinkludi lil dawk tal-fornituri u l-ħaddiema *downstream* (Artikolu 2(a)[3]);

[1] Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2006 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni.

[2] Regolament (KE) Nru 546/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009 li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1927/2006 dwar l-istabbiliment tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni.

[3] L-artikoli li qed issir referenza għalihom huma dawk tar-Regolament Nru 1927/2006.

– it-tkeċċija, fuq perjodu ta' 9 xhur, ta' tal-anqas 500 impjegat (1 000 qabel l-2009), b'mod partikulari, minn intrapriżi ta' daqs żgħir u medju, f'settur NACE 2 f'reġjun wieħed jew f'żewġ reġjuni bi fruntieri komuni fil-livell NUTS II (Artikolu 2(b));

– tkeċċijiet li jkollhom inċidenza gravi fuq l-impjiegi u l-ekonomija lokali, anke jekk il-kriterji preċedenti ma jkunux issodisfati, fis-swieq tax-xogħol ta' daqs żgħir jew f'ċirkostanzi eċċezzjonali ġġustifikati kif suppost (Artikolu 2(c)).

*It-tnaqqis tal-limitu minimu minn 1 000 għal 500 impjegat hu biżżejjed? L-iskadenzi u l-perimetri ġeografiċi biex jingħaddu dawn it-tkeċċijiet huma relevanti?*

Il-FEAG jikkontribwixxi għall-finanzjament ta' miżuri attivi tas-suq tax-xogħol li huma inklużi f'gabra kkoordinata ta' servizzi personalizzati intenzjonati għall-inseriment mill-ġdid fid-dinja tax-xogħol tal-ħaddiema li jkunu tilfu xogħolhom. Dawn il-miżuri attivi jikkonsistu, pereżempju, f'għajnuna għat-tfittxija ta' impjieg, taħriġ, allokazzjonijiet ta' mobilità jew anke miżuri li jħeġġu lill-ħaddiema żvantaġġati jew anzjani biex jibqgħu jew jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol. Min-naħa l-oħra, il-miżuri passivi ta' ħarsien soċjali ma jiġux iffinanzjati mill-FEAG.

*Kif għandu jitħares l-approċċ innovattiv tal-FEAG, iffukat fuq il-valorizzazzjoni tal-kapaċitajiet u x-xewqat ta' kull ħaddiem megħjun, waqt li tiġi promossa d-diffużjoni tiegħu għal mekkaniżmi oħra?*

Il-kontribuzzjoni tal-FEAG għandu jikkumplementa l-azzjonijiet mnedijin mill-Istati Membri u mhux jissostitwixxihom. Dan l-obbligu ta' kumplementarjetà jgħaddi minn rata ta' kofinanzjament massima stabbilita għal 50% tal-ispejjeż tal-miżuri previsti, rata li, fl-2009, telgħet għal 65% għat-talbiet imressqa qabel il-31 ta' Diċembru 2011.

*Iż-żieda temporanja tar-rata ta' kofinanzjament tal-FEAG hi biżżejjed?*

Barra minn hekk, l-azzjoni tal-FEAG għandha tiġi kkoordinata ma' dik tal-politiki l-oħra tal-Unjoni Ewropea. Dan l-obbligu ta' koordinament ifisser li kull kofinanzjament tal-ispejjeż tal-miżuri previsti minn strumenti finanzjariji Komunitarji oħra hu pprojbit. F'dan ir-rigward, hu importanti li l-Istati Membri jgħassu b'mod partikulari li l-miżuri li jirċievu appoġġ mill-FEAG ma jgawdux ukoll minn finanzjament tal-FSE, peress li waħda mil-linji gwida tal-FSE hi li "*tittejjeb l-adattabbiltà tal-ħaddiema u tal-intrapriżi u [tiżdied] il-flessibbiltà tas-swieq tax-xogħol*"[1].

*L-obbligu ta' koordinament qed jiġi rispettat kompletament?*

- **Kundizzjonijiet proċedurali**

Il-FEAG għandu għad-dispożizzjoni tiegħu ammont annwali massimu ta' EUR 500 miljun, li jiġu kemm mill-marġini eżistenti taħt il-limitu massimu globali tal-ispejjeż tas-sena ta' qabel u kemm mill-approprjazzjonijiet ta' impenn imħassrin waqt iż-żewġ snin finanzjarji ta' qabel, bl-eċċezzjoni ta' dawk relatati mal-Intestatura 1b tal-Qafas

[1] Deċiżjoni 2006/702/KE tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea tas-6 ta' Ottubru 2006 dwar il-linji gwida strateġiċi Komunitarji dwar il-koeżjoni.

Finanzjarju.

L-approprjazzjonijiet għall-impenji huma inklużi fil-baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea bħala dispożizzjoni (linja 40 02 43) permezz tal-proċedura baġitarja normali mill-mument meta l-Kummissjoni tkun iddeterminat il-marġini u/jew l-impenji mħassrin bħala suffiċjenti. L-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet korrispondenti jistgħu jiġu inklużi fir-riżerva, jinsiltu minn partiti baġitarji li ma jkunux intużaw biżżejjed jew jiġu inklużi fil-linja tal-FEAG (04 05 01).

*Il-FEAG għandu jibqa' fond mingħajr fondi?*

<u>Il-proċedura għall-mobilizzazzjoni tal-FEAG tinkludi 4 fażijiet</u>:

– it-tressiq mill-Istat Membru ta' talba għal kontribuzzjoni mill-FEAG lill-Kummissjoni fi żmien 10 ġimgħat li jibdew jgħoddu mid-data meta jiġu ssodisfati l-kundizzjonijiet għal intervent tal-FEAG, u din it-talba tista' titlesta' aktar 'il quddiem;

– l-eżami tat-talba mill-Kummissjoni b'konsultazzjoni mal-Istat Membru, segwit, skont il-każ, bit-tnedija tal-proċedura baġitarja permezz ta' proposta għal deċiżjoni ta' mobilizzazzjoni tal-FEAG li tistabbilixxi l-ammont tal-kontribuzzjoni finanzjarja li għandu jingħata, kif ukoll talba għat-trasferiment tal-ammont ta' dan il-kontribuzzjoni;

– l-eżami tal-proposta għal deċiżjoni ta' mobilizzazzjoni tal-FEAG u tat-talba għat-trasferiment miż-żewġ fergħat tal-awtorità baġitarja, segwit, skont il-każ, bl-adozzjoni tagħhom b'emendi jew mingħajr emendi;

– it-trasferiment, bħala prinċipju fi żmien 15-il ġurnata wara l-adozzjoni tad-deċiżjoni ta' mobilizzazzjoni tal-FEAG mill-awtorità baġitarja, tal-kontribuzzjoni finanzjarja mogħtija lill-Istat Membru fi ħlas wieħed ta' darba.

*Deċiżjoni ta' mobilizzazzjoni każ b'każ mill-awtorità baġitarja hi dejjem indispensabbli? L-iskadenzi previsti huma meħtieġa u/jew rispettati? Kif jista' l-eżami tat-talbiet min-naħa tal-Kummissjoni jsir iktar prevedibbli mill-Istati Membri?*

<u>Il-proċedura biex jintuża l-FEAG tista' tinqasam fi 3 fażijiet</u>:

– l-użu, min-naħa tal-Istat Membru, tal-kontribuzzjoni finanzjarja fi żmien l-24 xahar wara d-data tat-talba jew id-data tal-bidu tal-miżuri appoġġjati sakem dawn ikunu nbdew fi żmien it-3 xhur wara d-data tat-talba (qabel l-2009, fi żmien 12-il xahar mid-data tat-talba);

– il-preżentazzjoni, min-naħa tal-Istat Membru, ta' rapport dwar l-implimentazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja fi żmien is-6 xhur wara l-iskadenza għall-utilizzazzjoni;

– l-għeluq, min-naħa tal-Kummissjoni, tal-kontribuzzjoni finanzjarja fi żmien is-6 xhur wara li tirċievi r-rapport dwar l-implimentazzjoni.

*Hu biżżejjed li jiġi rduppjat il-limitu ta' żmien biex il-kontribuzzjoni finanzjarja tiġi utilizzata mill-Istat Membru? Il-proċedura ta' kontroll tal-utilizzazzjoni tal-kontribuzzjoni finanzjarja min-naħa tal-Kummissjoni hi ottimali?*

## II. MOBILIZZAZZJONI TAL-FEAG BEJN L-2007 U APRIL 2010

- **Analiżi tad-deċiżjonijiet u t-talbiet għal mobilizzazzjoni tal-FEAG**

<u>In-numru ta' talbiet u l-kontribuzzjonijiet mitluba huma kkonċentrati f'numru limitat ta' Stati Membri, mingħajr korrelazzjoni mad-differenzi fil-ġid u fir-rati tal-qgħad</u>:

Bejn l-2007 u April 2010, ġew adottati 27 deċiżjoni għall-mobilizzazzjoni tal-FEAG u tressqu u ġew ammessi 58 talba. Dawn id-deċiżjonijiet u t-talbiet jikkonċernaw rispettivament 13 u 17-il Stat Membru. Għaldaqstant, sa issa 10 Stati Membri għadhom ma xtaqux jew ma setgħux jirrikorru għall-Fond.

Il-5 Stati Membri li ressqu t-talbiet għall-ogħla kontribuzzjonijiet (Franza, l-Italja, Spanja, l-Irlanda u l-Ġermanja) talbu madwar 70% tat-total tal-approprjazzjonijiet mitluba, waqt li l-5 Stati Membri li ressqu t-talbiet għall-anqas kontribuzzjonijiet (ir-Repubblika Ċeka, il-Polonja, Malta, il-Finlandja u l-Litwanja) talbu madwar 2% ta' dan it-total.

Id-deċiżjonijiet għall-mobilizzazzjoni tal-FEAG ikkonċernaw reġjuni fil-livell NUTS II fejn il-medja tad-Dħul Nazzjonali Gross għal kull abitant tilħaq il-109.3% tal-medja tal-Unjoni Ewropea u fejn il-medja tar-rata tal-qgħad hi biss ta' 5.9%[1].




[1] Sors : Eurostat, *data* tal-2007 għad-DNG għal kull abitant u tal-2008 għar-rati tal-qgħad.

*Għalfejn il-FEAG hu prinċipalment ta' benefiċċju għar-reġjuni fejn il-PDG għal kull abitant hu ogħla mill-medja tal-Unjoni Ewropea u fejn il-qgħad jibqa' moderat u kif tista' titranġa din id-disparità?*

In-numru ta' talbiet u l-kontribuzzjonijiet mitluba huma l-oġġett ta' mobilizzazzjoni dejjem tikber imma li tibqa' limitata fir-rigward tal-approprjazzjonijiet disponibbli:

16-il deċiżjoni biss ġew adottati qabel ir-reviżjoni ta' Ġunju 2009, li minnhom ibbenefikaw 8 Stati Membri u li ammontaw għal total mobilizzat ta' EUR 80 miljun.

Jekk wieħed iqabbel is-snin finanzjarji differenti jista' jara madankollu żieda fir-rata ta' utilizzazzjoni, marbuta partikolarment mal-fatt li fl-2009 ġew illaxkati l-modalitajiet biex wieħed jirrikorri għall-FEAG u mal-kriżi ekonomika u finanzjarja. Ir-rata tal-utilizzazzjoni tal-approprjazzjonijiet għaddiet minn 3.7% fl-2007 (EUR 18.6 miljun) għal 9.8% fl-2008 (EUR 49 miljun) u 10.5% fl-2009 (EUR 52 miljun). Jidher li din it-tendenza se tkompli fl-2010. Bejn Ġunju 2009 u April 2010, ġew adottati, eżaminati jew depożitati 42 talba, li kkonċernaw 36 712-il ħaddiem ġdid u 9 Stati Membri supplimentari, għal ammont globali ta' EUR 197 miljun.

*Iż-żieda qawwija tat-talbiet u tal-kontribuzzjonijiet mitluba hi waħda ta' natura permanenti u, jekk iva, kif tista' tiġi spjegata u affrontata b'mod effikaċi?*

Il-kontribuzzjoni mitluba għal kull ħaddiem tvarja ħafna minn Stat Membru għal ieħor:

Id-deċiżjonijiet adottati jikkonċernaw 29 292 ħaddiem imkeċċi u t-talbiet imressqa identifikaw 54 867 ħaddiem li jeħtieġ l-għajnuna.

Il-kontribuzzjoni mitluba tirrappreżenta medja ta' EUR 5 253 għal kull ħaddiem. Jeżisti rapport ta' madwar 1 għal kull 40 bejn l-anqas kontribuzzjoni mitluba għal kull ħaddiem (EUR 511)[1] u l-aktar wieħed għoli (EUR 22 031)[2].

[1] EGF/2010/010, Unilever (Repubblika Ċeka).
[2] EGF/2010/007, Steiermark-Niederoesterreich (Awstrija).




*Id-differenzi li jeżistu f'dak li għandu x'jaqsam mal-isforz finanzjarju għal kull ħaddiem skont l-Istati Membri huma kompletament iġġustifikati u, jekk le, kif jistgħu jitranġaw?*

<u>It-talbiet għall-mobilizzazzjoni tal-FEAG huma bbażati fuq l-assjem tal-kriterji ta' intervent imma fi proporzjonijiet żbilanċjati</u>:

L-Istati Membri jużaw bħala ġustifikazzjoni l-kriterju ta' intervent tal-Artikolu 2(b) tar-Regolament dwar il-FEAG f'57.7% tal-każi, il-kriterju tal-Artikolu 2(a) f'36.5% tal-każi u l-kriterju tal-Artikolu 2(c) f'5.8% tal-każi. Stat Membru wieħed biss (il-Litwanja) irrikorra għal kull wieħed mit-3 kriterji ta' intervent f'tal-anqas waħda mit-talbiet tiegħu.

Minn Ġunju 2009, il-kriterju ta' intervent tal-Artikolu 2(b) intuża aktar bħala ġustifikazzjoni milli fil-perjodu preċedenti (sa 60% tat-talbiet magħmula kontra 50%).




Kif jistgħu jiġu spjegati d-differenzi osservati bejn l-Istati Membri fir-rikors għall-kriterji?

Il-kontribuzzjoni tal-FEAG tikkonċerna biss ftit mis-setturi ekonomiċi allavolja hemm tendenza li dawn jiġu ddiversifikati:

Waqt li s-16-il deċiżjoni li ttieħdu taħt ir-regolament oriġinali kellhom x'jaqsmu esklussivament mas-setturi tat-tessuti (50%), tal-karozzi (31%) u tat-telefonija mobbli (19%), it-talbiet imressqa taħt ir-regolament emendat infetħu għal setturi ġodda bħal dawk tal-mekkanika, tal-elettronika, tal-istampar u tal-bini.




*It-tendenzi settorjali osservati huma dejjem iġġustifikati minn kunsiderazzjonijiet marbuta mal-globalizzazzjoni jew mal-kriżi?*

- **Analiżi tal-proċedura ta' mobilizzazzjoni u ta' eżekuzzjoni tal-FEAG**

Jekk il-FEAG sa issa għad ma kellux għad-dispożizzjoni tiegħu approprjazzjonijiet ta' ħlas

proprji, is-sitwazzjoni tista' tevolvi mill-2011 'il quddiem:

L-approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet mobilizzati kollha biex jiġu onorati l-impenji ttieħdu mill-partiti baġitarji li kienu previsti li kienu se jkunu sottoutilizzati. Il-bżonnijiet ġew koperti sa 97.6% mil-linji baġitarji marbuta mal-FSE, l-approprjazzjonijiet li kien fadal ittieħdu mil-linja baġitarja Ġustizzja kriminali u ġustizzja ċivili. Jekk il-possibilità li approprjazzjonijiet ta' ħlas jiġu inklużi fir-riżerva maġenb l-approprjazzjonijiet ta' impenn għadha ma ġietx utilizzata, l-abbozz ta' baġit għall-2011 jipprevedi li, għall-ewwel darba, il-linja tal-FEAG tiġi dotata b'ammont li jitla' sa EUR 50 miljun f'approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet.

*X'konsegwenzi se jkollu l-fatt li ġew inklużi approprjazzjonijiet għall-ħlasijiet fil-linja tal-FEAG f'dak li għandu x'jaqsam mat-tul ta' żmien għall-mobilizzazzjoni?*

It-tul tal-proċedura għall-mobilizzazzjoni tal-FEAG hu twil wisq, u dan jagħmel ħsara għall-effikaċità tiegħu u għall-interess tiegħu għall-Istati Membri:

It-tul ta' żmien bejn it-tressiq ta' talba għal kontribuzzjoni tal-FEAG u t-trasferiment tal-kontribuzzjoni finanzjarja mogħtija jaqbeż id-9 xhur bħala medja.

Dan iż-żmien jista' jitqassam kif ġej:

– 6 xhur bejn it-tressiq tat-talba mill-Istat Membru u l-adozzjoni tal-proposta għal deċiżjoni ta' mobilizzazzjoni tal-FEAG min-naħa tal-Kummissjoni;

– xahrejn bejn l-adozzjoni tal-proposta għal deċiżjoni ta' mobilizzazzjoni tal-FEAG min-naħa tal-Kummissjoni u l-adozzjoni tagħha mill-awtorità baġitarja;

– xahar u ġimgħa bejn l-adozzjoni tal-proposta għal deċiżjoni ta' mobilizzazzjoni tal-FEAG mill-awtorità baġitarja u t-trasferiment tal-kontribuzzjoni finanzjarja min-naħa tal-Kummissjoni[1].

Dan kollu hu ta' ħsara għall-attrattiva li l-FEAG għandu għall-Istati Membri, peress li dawn ikollhom jipprovdu l-prefinanzjament tal-miżuri attivi tas-suq tax-xogħol mingħajr ma jkunu jafu r-riżultat tal-proċedura. Dan jispjega parzjalment id-differenzi osservati bejn in-numru ta' ħaddiema li għalihom intalbet kontribuzzjoni tal-FEAG u n-numru ta' ħaddiema megħjuna, peress li waqt dan il-perjodu l-ħaddiema mkeċċija jistgħu jiddeċiedu li jirtiraw mis-suq tax-xogħol jew li jsibu xogħol ieħor. L-agħar li jista' jiġri hu li, minħabba dawn id-differenzi, l-Istati Membri jistgħu jkunu obbligati jirrimborżaw kompletament il-kontribuzzjonijiet mogħtija, jekk il-kriterju tan-numru ta' ħaddiema ma jibqax issodisfat *a posteriori*.

*Kif jista' jitnaqqas it-tul ta' żmien tal-proċedura ta' mobilizzazzjoni tal-FEAG sabiex isir aktar attraenti għall-Istati Membri?*

[1] It-tul ta' żmien globali u t-tul ta' żmien tat-trasferiment tal-kontribuzzjoni mogħtija jirreferu biss għall-ewwel 15-il deċiżjoni ta' mobilizzazzjoni tal-FEAG peress li ma hemmx informazzjoni dwar id-deċiżjonijiet l-oħra. It-tul taż-żmien taż-żewġ fażijiet l-oħra hu kkalkulat fuq il-bażi tad-deċiżjonijiet adottati kollha.

25.6.2010

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-IMPJIEGI U L-AFFARJIET SOĊJALI(*)

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar il-finanzjament u l-funzjonament tal-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni
(2010/2072(INI))

Rapporteur(*): Elisabeth Morin-Chartier

(*) Proċedura b'kumitati assoċjati: Artikolu 50 tar-Regoli ta' Proċedura

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Impjiegi u l-Affarijiet Soċjali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni tiegħu għal riżoluzzjoni:

A. billi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEAG) ma jimponix miżuri attivi tas-suq tax-xogħol fuq Stat Membru li jridu jiġu implimentati fil-qafas ta' applikazzjoni għall-fond iżda jirrikjedi t-twaqqif ta' pakkett ikkoordinat ta' servizzi personalizzati mfassla biex il-ħaddiema jerġgħu jidħlu fis-suq tax-xogħol skont l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-FEAG [1] li jippreserva totalment il-flessibilità tal-Istati Membri li jadattaw il-miżuri maħsuba għall-ħaddiema li tilfu x-xogħol għall-ħtiġijiet lokali u individwali ta' kull applikazzjoni,

1. Jinnota li l-politiki soċjali u tal-impjieg huma kompetenzi nazzjonali kkoordinati bil-metodu miftuħ ta' koordinazzjoni u jużaw is-sinerġiji kollha possibbli sabiex jiżguraw żvilupp pożittiv tal-Unjoni meta ffaċjata bil-globalizzazzjoni u biex jilqgħu l-isfida tar-riintegrazzjoni soċjali u professjonali fl-Istati Membri u bejn l-Istati Membri; ifakkar ukoll li l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni (FEAG) huwa strument stabbilit bħala appoġġ għal dan l-għan u sabiex jgħin lill-ħaddiema fil-każijiet ta' sensji fuq skala kbira;

[1] Regolament (KE) Nru 1927/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Diċembru 2009 li jistabbilixxi l-Fond Ewropew ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni kif emendat mir-Regolament (KE) Nru 546/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-18 ta' Ġunju 2009.

2. Jitlob biex fil-ġejjieni, il-FEAG jinżamm u biex, fir-reviżjoni tiegħu tal-2009, jiġi kkoordinat b'mod ċar mar-reviżjoni tal-FSE lil hinn mill-qafas finanzjarju ta' nofs it-terminu biex ikun jista' jintuża bħala għodda ta' emerġenza f'sitwazzjonijiet ta' kriżi;

3. Jitlob lill-Kummissjoni Ewropea biex tipproponi bidliet għar-regolament tal-FEAG sabiex titħaffef kemm jista' jkun il-proċedura ta' applikazzjoni fuq żmien qasir, filwaqt li taħdem biex jintlaħaq l-objettiv li l-fondi jkunu disponibbli 6 xhur wara s-sensja, fost l-oħrajn billi jiġu studjati l-possibilitajiet li l-proċedura ta' applikazzjoni tinbeda hekk kif titħabbar is-sensja minflok meta din isseħħ, u billi t-teħid ta' deċiżjonijiet tal-Kummissjoni Ewropea jiġi ssemplifikat kemm jista' jkun u l-proċeduri jiġu standardizzati; barra minn hekk jistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex tiżviluppa ideat għall-qafas finanzjarju li jmiss sabiex jinkisbu l-objettivi li, minn banda, ikun hemm kooperazzjoni mal-Istati Membri sabiex jiġu ffaċilitati bidliet fundamentali orjentati lejn il-ġejjieni għal ekonomija sostenibbli u għas-suq tax-xogħol u, mill-banda l-oħra, sabiex ikun aktar faċli li tingħata għajnuna rapida u flessibbli lill-ħaddiema li jkunu tilfu xogħolhom minħabba x-xokkijiet mhux mistennija għall-ekonomija;

4. Ifakkar lill-Istati Membri dwar l-importanza li jittieħdu miżuri immedjati ta' intervenzjoni fis-suq tax-xogħol li jkunu paralleli mal-applikazzjoni tagħhom għall-FEAG;

5. Jitlob lill-Kummissjoni biex tipprovdi lill-Istati Membri b'għadd ta' linji gwida għat-tfassil u l-implimentazzjoni tal-applikazzjonijiet għal finanzjament tal-FEAG bl-għan li tinstab proċedura ta' applikazzjoni mgħaġġla u kunsens wiesa' tal-partijiet interessati rigward l-istrateġija li għandha tiġi applikata u l-miżuri li għandhom jiġu stabbiliti għal riintegrazzjoni effettiva tal-ħaddiema fis-suq tax-xogħol; jitlob lill-Istati Membri biex jaċċelleraw il-proċedura billi jipprefinanzjaw il-miżuri li għandhom jinbdew minn jum l-applikazzjoni, sabiex jintuża bis-sħiħ il-perjodu ta' implimentazzjoni tal-FEAG għall-benefiċċju tal-ħaddiema kkonċernati;

6. Ifakkar lill-Istati Membri li huma jinsabu obbligati, minn banda, sabiex mill-bidu tat-tħejjija għall-applikazzjonijiet jinvolvu lis-sħab soċjali skont l-Artikolu 5 tar-Regolament FEAG u, mill-banda l-oħra, biex jikkonformaw mal-Artikolu 9 ta' dan ir-regolament li jitlob li l-Istati Membri jipprovdu informazzjoni dwar l-azzjonijiet iffinanzjati, kif ukoll jippubbliċizzawhom, u li din l-informazzjoni trid tingħata wkoll lill-ħaddiema kkonċernati, lill-awtoritajiet lokali u reġjonali u lis-sħab soċjali, u sabiex il-proċeduri jiġu standardizzati; jitlob lill-Istati Membri biex jiżguraw li kunsilli tax-xogħlijiet jiġu involuti qabel jinbeda kwalunkwe programm, sabiex jiġi garantit li s-sħab soċjali jgħinu tassew biex jiġu mfassla pjanijiet ta' konversjoni li jissodisfaw il-bżonnijiet tal-impjegati u mhux tal-intrapriżi;

7. Iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tinforza b'mod korrett id-Direttiva 2002/14/KE dwar l-informazzjoni u l-konsultazzjoni tal-impjegati u d-Direttiva 94/45/KE dwar il-Kunsill Ewropew tax-Xogħlijiet sabiex is-sħab soċjali jingħataw l-għodod kollha biex janalizzaw il-pjan propost ta' sensji u ta' ristrutturazzjoni qabel ma dan jitħabbar u għaldaqstant biex dawn ikunu jistgħu jwettqu r-rwol sħiħ tagħhom;

8. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex fir-Regolament FEAG tipproponi li jiżdied l-obbligu li l-Istati Membri jappoġġaw il-parteċipazzjoni ta' assoċjazzjoni tal-ħaddiema waqt il-fażi ta' implimentazzjoni; jistieden lill-Kummissjoni Ewropea biex torganizza l-

iskambju ta' esperjenzi u ta' prattiki tajba li jikkonċernaw l-involviment tal-ħaddiema fl-implimentazzjoni tal-FEAG, sabiex il-ħaddiema f'każijiet eżistenti u ġodda jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-għarfien espert miksub mill-każijiet preċedenti;

9. Jistieden lill-Istati Membri sabiex jistabbilixxu struttura ta' komunikazzjoni u ta' amministrazzjoni għall-FEAG fil-livell nazzjonali, f'konsultazzjoni mal-partijiet interessati kollha, partikolarment mas-sħab soċjali, u biex jagħmlu skambju tal-aħjar prattiki fil-livell Ewropew, li jippermetti li jkun hemm intervent rapidu u effiċjenti mill-FEAG f'każijiet ta' sensji fuq skala kbira;

10. Jirrimarka li r-Regolament (KE) Nru 1927/2006 jippermetti lill-pajjiżi li jissottomettu applikazzjonijiet konġunti għal assistenza mill-FEAG meta l-ħaddiema milquta f'reġjun ġeografiku jew f'settur partikulari ma jkunux ikkonċentrati fi Stat Membru wieħed;

11. Jitlob lill-Kummissjoni biex tippreżenta proposta dwar kif ir-Regolament FEAG għandu jiġi emendat sabiex ikunu jistgħu jiġu inklużi l-ħaddiema kollha li jisfaw bla xogħol minħabba l-istess kwistjoni, għas-setturi u r-reġjuni kollha;

12. Jistieden lill-Kummissjoni Ewropea sabiex tistudja soluzzjonijiet possibbli biex tegħleb is-segregazzjoni bejn il-ħaddiema li sfaw bla xogħol li huma eliġibbli għal miżuri fl-ambitu ta' applikazzjoni tal-FEAG u ħaddiema oħra bla xogħol fl-istess żona;

13. Jitlob lill-Istati Membri li jibbenefikaw mill-FEAG sabiex itejbu l-effikaċja tal-implimentazzjoni u jadottaw approċċ personalizzat u soċjali biex jgħinu lill-ħaddiema li jisfaw bla xogħol, u biex jippromwovu ulterjorment it-taħriġ u t-taħriġ mill-ġdid, partikolarment f'każijiet ta' sensji fuq skala kbira, sabiex itejbu l-opportunitajiet tal-ħaddiema f'suq tax-xogħol li għaddej minn ristrutturazzjoni profonda; jitlob biex wieħed jara li r-regolamenti għall-implimentazzjoni nazzjonali ma jagħmlux l-applikazzjoni tal-fond iktar ristrettiva; jistieden lill-Istati Membri u lill-awtoritajiet lokali biex jagħmlu dak kollu possibbli biex jerġgħu jagħtu ħajja liż-żoni li sofrew l-effetti tar-rilokazzjoni sabiex tinżamm l-attività ekonomika f'dik iż-żona, filwaqt li jitqies li l-FEAG huwa orjentat biss għall-impjegati; jirrakkomanda, għal dan il-għan, li l-Istati Membri jintensifikaw l-iskambju tal-prattika tajba, speċjalment billi jagħmlu użu minn Progress, u b'mod partikolari mill-istrument il-ġdid ta' mikrofinanzjament;

14. Jilqa' b'sodisfazzjoni il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Kompetenzi Ġodda għal Impjiegi Ġodda u jenfasizza li l-FEAG jagħti lill-Istati Membri finanzjament addizzjonali għat-taħriġ ta' ħaddiema bla xogħol għal xogħlijiet orjentati lejn il-ġejjieni u għal iktar mobilità;

15. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jużaw il-FEAG biex jimplimentaw il-miri Ewropej, biex jippromwovu kompetenzi ġodda għal impjiegi ġodda, dejjiema, li ma jagħmlux ħsara lill-ambjent u ta' kwalità għolja f'reġjun partikolari, u jiffavorixxu l-intraprenditorija u t-tagħlim tul il-ħajja, bil-għan li l-ħaddiema jkunu jistgħu jiżviluppaw il-karrieri personali tagħhom u jikkontribwixxu biex titjieb il-kompetittività tal-UE fil-kuntest tal-globalizzazzjoni;

16. Jistieden lill-Istati Membri biex jużaw il-FEAG biex joħolqu sinerġiji bejn il-FEAG, l-FSE u l-mikrofinanza biex jiġu identifikati l-iktar miżuri adegwati għall-każijiet

individwali;

17. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jieħdu miżuri f'konformità mar-Regolament FEAG għall-promozzjoni tal-mobilità tal-ħaddiema jekk il-prospetti ta' impjieg fir-reġjun ikunu sfavorevoli;

18. Jirrimarka li, fil-kuntest tal-globalizzazzjoni, il-kompetittività futura tal-UE tista' tiġi garantita biss jekk isiru sforzi mmirati biex tinħoloq l-ikbar massa possibbli ta' kapaċitajiet fost il-ħaddiema fiż-żona tal-UE; iqis li l-FEAG għandu għalhekk jgħin biex il-perjodi ta' qgħad jintużaw b'mod kostruttiv permezz ta' taħriġ ulterjuri intensiv u miżuri ta' taħriġ mill-ġdid;

19. Ifakkar lill-intrapriżi dwar ir-responsabilità tagħhom li jagħmlu dak kollu possibbli biex jiżguraw li l-ħaddiema, qabel jibda ż-żmien tagħhom ta' qgħad, ikunu jistgħu jivvalidaw l-esperjenza u t-taħriġ tagħhom, sabiex jiġi żgurat li t-taħriġ mill-ġdid tagħhom ikun l-aktar preċiż u rapidu possibbli, u sabiex isibu impjieg ġdid, "tajjeb" u stabbli, mimli prospettivi f'settur li se jibqa' vijabbli;

20. Jinnota d-disparità qawwija bejn il-każijiet, minħabba d-diversità tas-sitwazzjonijiet f'kull Stat Membru; jistieden għalhekk lill-Kummissjoni biex tfassal proposta bil-għan li jkun hemm flessibilità akbar fil-kriterji ta’ intervent skont l-Istat Membru, biex ikunu adattati aħjar għall-ispeċifiċitajiet ekonomiċi nazzjonali, filwaqt li tiġi studjata l-possibilità li l-perjodu ta' referenza u r-raġġ tal-istabbilimenti jiġu estiżi, filwaqt li tiġi evitata kull inugwaljanza fl-aċċess għal dan l-istrument bejn l-Istati Membri;

21. Jitlob biex, fl-implimentazzjoni tal-FEAG, l-Istati Membri jintalbu jieħdu miżuri biex jiżguraw li l-persuni fost dawk eliġibbli għall-finanzjament li ma jkunux ċittadini jkollhom il-possibilità li jagħmlu użu minn dawn il-fondi wkoll;

22. Jitlob lill-Kummissjoni biex tipprovdi assistenza wkoll lill-Istati Membri, lis-sħab soċjali u lill-assoċjazzjonijiet tal-ħaddiema matul il-proċess tal-implimentazzjoni tal-miżuri;

23. Jitlob lill-Kummissjoni biex tevita li toħloq tgħawwiġ tal-kompetizzjoni, filwaqt li tinkoraġġixxi l-ħolqien ta' sett omoġenju ta' obbligi tal-intrapriżi f’dak li għandu x’jaqsam mas-sensji fl-Unjoni Ewropea;

24. Jenfasizza b'mod partikolari li l-Kummissjoni Ewropea u l-Istati Membri għandhom jikkollaboraw mill-qrib biex jissorveljaw b'mod effikaċi l-appoġġ mogħti lil kumpaniji multinazzjonali u biex jistabbilixxu investiment sod fil-ħolqien tal-impjiegi bi drittijiet, sabiex jiġi evitat id-dumping soċjali;

25. Jitlob lill-Kummissjoni biex tiżgura li l-politiki u l-istrumenti tagħha jkunu koerenti, sabiex tiġi evitata l-possibilità li t-tkabbir u l-objettivi relatati mal-kompetittività jmorru kontra l-objettivi relatati mal-impjieg, il-koeżjoni u l-inklużjoni soċjali;

26. Jistieden lill-Kummissjoni sabiex, fir-rapport annwali tagħha, tippreżenta statistika dwar l-effikaċja tal-FEAG u tal-istrateġiji ta’ taħriġ li jikkonċernaw id-dħul lura fl-impjieg, billi tanalizza l-impatt tal-istruttura tas-suq tax-xogħol fuq din l-effikaċja;

27. Jenfasizza l-bżonn li l-Kummissjoni, fi żminijiet ta' skarsità ta' riżorsi finanzjarji, tevalwa l-effikaċja u s-sostenibilità ta' miżuri ffinanzjati permezz tal-FEAG, b'kooperazzjoni mal-Istati Membri; jinnota li għandhom jiġu żviluppati kriterji standardizzati għal dan l-għan, pereżempju t-tlestija ta' miżuri ta' żvilupp tal-kapaċitajiet, is-suċċess fit-tiftix ta' impjieg ġdid u fid-dewmien tal-kuntratt tax-xogħol il-ġdid;

28. Jitlob lill-Kummissjoni biex minnufih tressaq rapport dwar l-użu li sar s'issa tal-Fond ta' Aġġustament għall-Globalizzazzjoni, li b'mod partikolari juri fid-dettall kif intużaw l-approprojazzjonijiet u kemm kien kbir il-proporzjon tal-finanzjament ġenerali li dawn koprew meta mqabbel ma' miżuri oħra ta' appoġġ nazzjonali u kummerċjali; jistieden lill-Kummissjoni biex tislet konklużjonjiet inizjali minn dan ir-rapport u tressaq bil-ħeffa proposti għat-titjib tal-fond.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 24.6.2010 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 34<br>–: 1<br>0: 7 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Edit Bauer, Pervenche Berès, Mara Bizzotto, Milan Cabrnoch, Alejandro Cercas, Ole Christensen, Derek Roland Clark, Sergio Gaetano Cofferati, Marije Cornelissen, Proinsias De Rossa, Frank Engel, Sari Essayah, Richard Falbr, Ilda Figueiredo, Thomas Händel, Marian Harkin, Roger Helmer, Nadja Hirsch, Liisa Jaakonsaari, Martin Kastler, Ádám Kósa, Jean Lambert, Veronica Lope Fontagné, Olle Ludvigsson, Elizabeth Lynne, Thomas Mann, Elisabeth Morin-Chartier, Csaba Őry, Rovana Plumb, Sylvana Rapti, Licia Ronzulli, Marie-Thérèse Sanchez-Schmid, Elisabeth Schroedter, Georgios Stavrakakis, Jutta Steinruck |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Georges Bach, Raffaele Baldassarre, Julie Girling, Dieter-Lebrecht Koch, Jan Kozłowski, Ria Oomen-Ruijten, Csaba Sógor |

29.6.2010

## OPINJONI TAL-KUMITAT GĦALL-AFFARIJIET EKONOMIĊI U MONETARJI

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar il-finanzjament u l-funzjonament tal-Fond Ewropew ta' Adattament għall-Globalizzazzjoni
(2010/2070(INI))

Rapporteur: Sharon Bowles

## SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Affarijiet Ekonomiċi u Monetarji jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jitlob lill-Kummissjoni biex minnufih tressaq rapport dwar l-użu sal-lum tal-Fond għal-Globalizzazzjoni, li b'mod partikolari juri bid-dettall kif intużaw il-mezzi u x'relazzjoni kien hemm bejn il-mezzi użati u miżuri oħra ta' appoġġ nazzjonali u kummerċjali; jistieden lill-Kummissjoni biex tislet konklużjonjiet minn dan ir-rapport u tressaq bil-ħeffa suġġerimenti għal titjib tal-Fond;

2. Jitlob lill-Kummissjoni biex minnufih tressaq proposti li, lill-azjendi li jkunu qatgħu il-postijiet tax-xogħol u fil-perjodu ta' rappurtar preċedenti jkunu rreġistraw profitt, jassoċjawhom kif jixraq fl-ispejjeż tal-konsegwenzi soċjali tar-rilokazzjoni tal-azjendi u tat-telf tal-impjiegi, kif ukoll jiżguraw rifinanzjament tal-Fond Ewropew ta' Adattament għall-Globalizzazzjoni (FEG);

3. Jitlob lill-Kummissjoni biex fiż-żmien medju tissostitwixxi l-FEG permezz ta' Fond ta' Ristrutturar, li għandu jkun iffinanzjat minn imposta fuq ir-rilokazzjoni tal-azjendi fl-UE kolha kemm hi u li tinvolvi lill-azjendi b'mod xieraq fil-ħolqien ta' postjiet tax-xogħol alternattivi;

4. Jitlob lill-Kumissjoni biex tintroduċi kriterji li s-sostenn permezz tal-FEG bi prijorità jmur għal miżuri ta' ristrutturazzjoni li jiżguraw jew joħolqu l-impjiegi kif ukoll iġibu żvilupp ekoloġikament sostenibbli u soċjalment ibbilanċjat fir-reġjuni kkonċernati;

5. Jitlob lill-Kummissjoni biex fit-teħid ta' deċiżjonijiet dwar l-għoti ta' appoġġ permezz tal-FEG tinvolvi obbligatorjament lis-sħab soċjali;

6. Jitlob lill-Kummissjoni biex testendi l-kriterji għall-utilizzazzjoni tal-FEG bil-kundizzjonijiet imsemmija hawn fuq ħalli jkopru r-rilokazzjoni ta' azjendi fi ħdan l-Ewropa u biex tissimplifika apprezzabilment il-proċedura ta' applikazzjoni;

7. Jitlob lill-Kummissjoni biex iżżid b'mod sinifikanti l-qafas finanzjarju tal-FEG fl-isfond tal-kriżi ekonomika u finanzjarja kurrenti u tal-kompiti mwessgħa u biex tagħti lill-FEG intestatura proprja fil-baġit.

## RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 28.6.2010 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 37<br>–: 5<br>0: 0 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Sharon Bowles, Udo Bullmann, Pascal Canfin, George Sabin Cutaş, Leonardo Domenici, Derk Jan Eppink, Markus Ferber, Vicky Ford, José Manuel García-Margallo y Marfil, Jean-Paul Gauzès, Sven Giegold, Sylvie Goulard, Liem Hoang Ngoc, Gunnar Hökmark, Othmar Karas, Jürgen Klute, Werner Langen, Astrid Lulling, Arlene McCarthy, Ivari Padar, Antolín Sánchez Presedo, Edward Scicluna, Peter Simon, Peter Skinner, Theodor Dumitru Stolojan, Kay Swinburne |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | Marta Andreasen, Sophie Auconie, Elena Băsescu, Pervenche Berès, Sari Essayah, Ashley Fox, Danuta Maria Hübner, Danuta Jazłowiecka, Philippe Lamberts, Olle Ludvigsson, Sirpa Pietikäinen |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Bendt Bendtsen, Gesine Meissner, Marit Paulsen, Britta Reimers, Joachim Zeller |

# RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

| | |
|---|---|
| **Data tal-adozzjoni** | 14.7.2010 |
| **Riżultat tal-votazzjoni finali** | +: 27<br>–: 9<br>0: 1 |
| **Membri preżenti għall-votazzjoni finali** | Marta Andreasen, Reimer Böge, Lajos Bokros, Giovanni Collino, Andrea Cozzolino, Isabelle Durant, James Elles, Göran Färm, José Manuel Fernandes, Eider Gardiazábal Rubial, Salvador Garriga Polledo, Jens Geier, Ivars Godmanis, Ingeborg Gräßle, Carl Haglund, Jiří Havel, Monika Hohlmeier, Sergej Kozlík, Jan Kozłowski, Alain Lamassoure, Giovanni La Via, Vladimír Maňka, Barbara Matera, Claudio Morganti, Miguel Portas, Dominique Riquet, László Surján, Helga Trüpel, Derek Vaughan |
| **Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali** | François Alfonsi, Maria Da Graça Carvalho, Frédéric Daerden, Peter Jahr, Riikka Manner, Georgios Stavrakakis, Theodor Dumitru Stolojan |
| **Sostitut(i) (skont l-Artikolu 187(2)) preżenti għall-votazzjoni finali** | Lucas Hartong |